MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1224/2004

**Charles Fenech**

**Vs**

**John Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu l-attur talab ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u hamsin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm350.96) jew somma ohra verjuri ghar-ragunijiet hemmek imsemmija, bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-istess konvenut.

Ra ir-Risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta’ Lulju 2004 u li permezz taghha eccepixxa illi l-ammont mhux dovut u minghajr pregudizzju illi dak mitlub huwa esagerat;

Ra illi mar-risposta tieghu, il-konvenut ressaq ukoll kontro-talba fejn talab illi l-attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta’ mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm106.50) ghar-ragunijiet hemmek indikati, bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba;

Ra r-risposta ta’ l-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenut pprezentata fis-7 ta’ Settembru 2004 u li permezz taghha ecceppixxa illi l-kontro-talba kellha tigi michuda peress illi kien l-istess konvenut illi irrinunzja ghan-notice;

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2005 il-partijiet ittrattaw il-kawza u thalliet ghad-decizjoni ghas-16 ta’ Settembru 2005;

Ra illi b’rikors tat-2 ta’ Awissu 2005 il-konvenut talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u t-Tribunal akkorda b’dan illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghas-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2005;

Ra illi wara bidla fil-kompozizzjoni tat-Tribunal, it-Tribunal rega` sema` t-tratazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2006, f’liema seduta il-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob ghal hlas tas-somma ta’ tlett mija u hamsin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm350.96) jew somma ohra verjuri.

Illi filwaqt illi l-attur ighid illi kien jithallas bir-rata ta’ sebghin Liri Maltin (Lm70)  fil-gimgha, pero` dan huwa kontradett sia mix-xhieda tal-konvenut u xhieda ohra minnu prodotti u kif ukoll mill-FS3 (fol 33) li tindika l-paga ta’ Lm53.25 fil-gimgha.

Illi huwa pacifiku ma' diversi sentenzi tal-Qrati taghna illi ammonti ta' paga illi jistghu ma jkunux qed jigu dikjarati ghal raguni jew ohra ma jistghux jigu kkalkolati f'cirkostanzi bhal dawn odjerni.

Huwa ghalhekk importanti illi anke b'dan il-kaz, it-Tribunal jaghmel appell car lil kull impjegat illi ghandu jkun cert illi ma jidhol f'ebda akkordju li permezz tieghu il-paga tieghu ma tkunx kollha dikjarata. Dan mhux biss huwa illecitu izda huwa u jservi biss ta' pregudizzju ghall-istess impjegat, pregudizzju jekk mhux fl-immedjat, imma zgur fil-kors shih tal-hajja tax-xoghol ta' l-individwu u wara.

Illi f'dan il-kaz, anke jekk it-Tribunal ma jeskludix illi in effetti l-paga li kienet tithallas lill-attur kienet aktar minn dik dikjarata, pero` irid jistrieh fuq il-provi cari illi irrizultaw, b'dan illi fid-dawl tac-cahda kategorika tal-konvenut illi l-paga kienet ta' Lm70 u partikolarment fid-dawl ta' l-FS3 esebita a fol 33 tal-process, it-Tribunal ser jistrieh fuq il-paga dikjarata ta' tlieta u hamsin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm53.25) fil-gimgha.

Illi din hija ukoll ir-rata ta' paga illi hadem fuqha il-Labour Office u kif iddepona quddiem l-istess Tribunal, Ivan Spiteri, l-ammont illi jista` jitlob l-attur huwa dak ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm153.51). Illi in oltre`, l-istess Ivan Spiteri jghid illi "l-employer qabel mieghi lilli kien dovut l-ammont ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu, izda baqa` jsostni illi kien hemm lok illi ssir tpacija ma' l-ammont dovut lilu ghall-hsarat u ghalhekk huwa ma riedx ihallas dan l-ammont lill-attur" (fol 28).

Illi Rita Abela, mart il-konvenut tghid ukoll fix-xhieda taghha (fol 32) illi "ahna konna qbilna illi kellna ntuhomlu…";

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ghandu jiehu minn ghand il-konvenut is-somma ta' miija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM153.51) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz.

Jibqa` issa illi t-Tribunal jissindika sabiex jara jekk il-kontro-talba tal-konvenut ghall-hlas lilu tas-somma ta' mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm106.50) rapprezentanti gimghatejn notice period humiex dovuti.

Qabel xejn it-Tribunal irid jirrafferma illi l-pagi dovuti lill-haddiema, inkluz allowances u bonuses ma ghandhomx ikunu soggetti ghal tpacija kwalsiasi u la jkunu dovuti, dawn ghandhom jithallsu. Diversi sentenzi tal-Qrati taghna huwa cari dwar dan il-punt u l-Artikolu 15 tal-KAP 452 jitkellem ukoll car bizzejjed.

Dwar il-kontro-talba, it-Tribunal jifdallu zewg konsiderazzjonijiet x'jaghmel. Fl-ewwel lok illi l-kwistjoni tan-notice period mhux mahdum mill-attur donnu illi dahal mal-presentata tal-kontro-talba, ghaliex jidher illi sa qabel dan, iz-zammu tal-hlas da parti tal-konvenut kienet biss ghax kien qed jallega danni u hsarat fuq makkinarju. Dan jixhedu Ivan Spiteri (fol 28) meta ighid "…baqa` jsostni illi kien hemm lok li ssir tpacija ma' l-ammont dovut lilu ghall-hsarat u ghalhekk ma ridx ihallas lill-attur" u jkompli jikkonfermah l-istess konvenut John Abela fix-xhieda tieghu a fol 35 meta qal "…tpacija ma' xi ammonti illi l-attur kellu jaghtina ghal hsarat li kien ikkaguna f'xi magni fuq il-post tax-xoghol".

Fit-tieni lok illi filwaqt illi l-konvenut isostni illi l-attur ma hadimx n-notice period, pero` l-attur u xhieda mressqa minnu jghidu illi ma thalliex jahdem l-istess notice period u infatti l-konvenut qabad u tah il-ktieb tax-xoghol (fol 16).

Illi fid-dawl ta' dawn iz-zewg verzjonijiet konfliggenti, it-Tribunal jasal biex jikkonkludi illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi l-attur naqas illi jahdem in-notice period, u jara fil-mod kif zvolgew l-affarijiet u r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, bhala aktar versomili fis-sens illi l-konvenut qabad il-ktieb tax-xoghol u talab lill-attur jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal jasal sabiex jikkonkludi illi l-kontro-talba maghmula mill-konvenut hija insostenibbli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-talba attrici limitament ghas-somma ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm153.51) u jordna ghalhekk lill-istess konvenut ihallas din is-somma ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm153.51) lill-attur, jichad l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut ghajr ghat-tieni wahda fejn gie ecceppit illi s-somma mitluba kienet esagerata, u filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut, jichad l-istess kontro-talba mressqa mill-konvenut ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija.

Bl-ispejjes ta' din il-kawza kontra l-konvenut u bl-imghax fuq is-somma hawn fuq likwidata fl-ammont ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm153.51) mill-14 ta' Novembru 2003 sad-data tal-hlas effettiv.

______________________________

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------